# San Ġiljan fi żmien ieħor

*Kitba ta' Mario Fenech*

Għażilt dawn iż-żewġ ritratti, mill-kollezzjoni tiegħi għal dan l-artiklu, li jeħduna lura sew fiż-żmien meta l-inħawi ta' San Ġiljan u l-madwar kienu għadhom ma gewx żviluppati bħalma huma llum.

Żewġ ritratti tal-inħawi, li mhumiex wisq 'il bogħod minn xulxin, jeħduna lejn dik li kienet tissejjaħ il-Ponta ta' Dragonara u lejn il-Bajja San Ġorġ.

Fir-ritratt jidher il-Palazz li kien bena l-Markiż Scicluna, wara li kien xtara din il-biċċa art mingħand il-Gvern Kolonjali Ingliż ta' dak iż-żmien fis-sena 1870.

Wieħed jinnota kemm kienu miżmuma sew il-ġonna u l-inħawi ta' madwar din il-binja. Fir-ritratt jidhru sew il-passaġġi, li kienu jisseparaw partijiet tal-ġonna minn xulxin, u l-kmamar tal-ħġieġ, li kienu jservu ta' serer, kif ukoll ilqugħ mill-baħar, li xi kultant ma tantx ikun ħanin mal-blat tal-inħawi.

F'nofs ir-ritratt tidher parti miksija bil-ġebla u mdawwra b'ċint baxx bil-balavostri li fl-irkejjen tagħha, hemm erba' statwi żgħar. X'aktarx li din kienet xi forma ta' ċimiterju privat, għaliex hija daqsxejn stramba mal-kumplament ta' dak li hemm fir-ritatt. Biss m'għandi l-ebda tagħrif dwar jekk kienx hemm xi tip ta' Ċimiterju f'dawn l-inħawi, allura nista' nkun żbaljat dwar dan.

Quddiem il-bini tal-palazz hemm bieb tal-ġebel jew ark wieqaf, li minnu kont trid tgħaddi sabiex tidħol fil-palazz. B'xorti tajba, dan il-palazz li jiddomina din l-parti sabiħa ta' dawn l-inħawi għadu wieqaf iżda l-kumplament ta' dak kollu li jidher fir-ritratt il-lum sfortunatament sparixxa għalkollox.



Fir-ritratt l-ieħor tidher binja sabiħa li kienet taf il-bidu għall-izvilupp fl-inħawi tal-Bajja ta' San Ġorġ, dik li llum insibuha bħala l-inħawi tal-Villa Rosa,

u hija binja sabiħa ħafna li turi l-perjodu li kienet ġiet mibnija, iġifieri l-era Vittoriana.



Madwar din il-binja jidher ċint għoli mibni b'mod li jixbah il-ħajt tas-sejjieħ, iżda mibni b'aktar reqqa. Dan idawwar il-ġonna, li kien ukoll mżejjen b'numru ta' gastri tal-ġebel, passaġġi u siġar bħal dawk tal-palm.

Kif wieħed jista' jara minn dan ir-ritratt, din il-binja kienet viċin ħafna l-bajja u fit-tarf tagħha, fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt, tidher waħda mill-kmarar mibnija, nofshom fuq il-blat, u n-nofs l-ieħor fil-baħar li kienu jintużaw minn xi familji sinjuri fix-xhur tas-sajf.

Illum, dak li jidher fir-ritratt huwa biss memorja sabiħa ta' dak iż-żmien u xejn aktar, frott tal-iżvilupp mgħaġġel li seħħ fl-inħawi matul dawn l-aħħar snin.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd!


# Ilwien il-Festi Maltin

*Sensiela ta' kotba b'għadd kbir ta' ritratti mill-isbaħ tal-Festi kollha ta' Malta.*

*Għall-bejgħ fil-ħwienet ewlenin!*

*Aktar tagħrif jinkiseb minn:*

markmicallef1985@gmail.com